# ERN GENTURIS Sommarju tal-Lingwa Sempliċi: *Linja Gwida għas-Sorveljanza tal-Kanċer għal individwi bis-sindromu tat-tumur hamartoma PTEN (PHTS)*

## INTRODUZZJONI

Is-sindromu tat-tumur PTEN hamartoma (PHTS), huwa kkawżat minn bidla fil-ġene PTEN (phosphatase and tensin homolog). PHTS iżid ir-riskju ta' kanċer tas-sider, tat-tirojde, tal-endometriju, tal-kliewi u tal-kolorektum. PHTS hija rari u d-dijanjosi tagħha tiddependi fuq ittestjar ġenetiku. Is-sorveljanza hija meqjusa bħala essenzjali biex jiġu skoperti kanċers bikrija u biex ikunu jistgħu jittrattaw lin-nies.

## GĦANIJIET TAL-LINJI GWIDA

Il-Linja Gwida tas-sindromu tat-tumur hamartoma PTEN (PHTS) inħolqot biex tgħin lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa jagħtu l-aktar sorveljanza aġġornata għal individwi b'PHTS. Din il-linja gwida ġiet meħuda mill-aqwa evidenza disponibbli u l-kunsens ta' esperti fil-kura ta' persuni b'PHTS u hija aġġornata regolarment biex tirrifletti bidliet fl-evidenza. L-istennija hija li l-kliniċisti jsegwu din il-linja gwida sakemm ma jkunx hemm raġuni klinika konvinċenti speċifika għal pazjent individwali li ma tagħmilx dan.

## SKOP U GĦAN TAL-LINJA GWIDA

Il-linja gwida hija maħsuba għas-sorveljanza tal-kanċer ta' individwi b'PHTS. Għal kull tip ta' kanċer, il-linja gwida tiddikjara liema test għandu jintuża għas-sorveljanza, liema età għandha tibda s-sorveljanza u kemm-il darba għandhom jirrepetu l-investigazzjonijiet.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET EWLENIN

| | Liema Test | Kemm il-darba | Tibda fi |
|---|---|---|---|
| Kanċer tat-tirojde | Ultrasound | Kull sena | 18 sena |
| Kanċer tas-sider | MRI<br>Mammografija | Kull sena<br>Kull sentejn | 30 sena |
| Kanċer tal-kliewi | Ultrasound | Kull sentejn | 40 sena |
| Kanċer tal-endometriju | Mhux rakkomandat | *jekk skrinjat allura:<br>Ultrasound: kull sena | (40 sena)* |
| Kanċer tal-kolorektum | Segwi l-linji gwida ġenerali tal-iscreening tal-popolazzjoni | - | - |

Minbarra t-testijiet elenkati hawn fuq il-linja gwida tirrakkomanda li l-kirurġija tas-sider li tnaqqas ir-riskju jista' tiġi offruta lin-nisa affettwati.

**Ċaħda ta' responsabbiltà:** Il-kontenut ta' dan is-sommarju huwa bbażat fuq il "GENTURIS Cancer surveillance guideline for individuals with PTEN Version 14 (05.09.2019)".